**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

16 **ta' Marzu 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 10 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **12.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **12.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 12.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 11 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta’ imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 12.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 11, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 11 ġew approvati mil-kunsilliera Corinne Buhagiar u ġew issekondti mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **12.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 12.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-Segretarju Eżekuttiv attendiet għall-konferenza tal-AVEC General Meeting li saret bejn 26 u 28 ta’ Frar li saret il-Birgu fejn infurmathom li l-konferenza li jmiss ser tkun il-Portugal. |
| 12.03.02 | Iis-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali ġie ppreżentat b’mementos għall-parteċipazzjoni tiegħu fil Code Week 2019. ESkills Malta Foundation għal din l-opportunità. Nixtiequ nirringrazzjaw lil Corinne Buhagiar li ħadet ħsieb din l-attivita. |
| 12.03.03 | Is-Sindku ikkomunika li l-ħinijiet tal-ftuħ ġodda għal Letrina Pubblika fix-Xatt tal-Isla mill-1 ta' Marzu 2020 - 31 ta' Mejju 2020 ,Mit-Tnejn sal-Ħadd 8.00am sa 8.00pm.<br>Il-Kunsilliera qablu li Nathan Bonello u Bradley Bonello jieħdu ħsieb il-letrina tax-xatt *day in day ou*t u Stephen Bonello jkun *reliever* tagħhom meta wieħed ikun *leave* jew *sick* sakemm tiġi l-magna tal-knies u s-Sur Stephen Bonello jieħu ħsieb il-knies tax-xatt b’din il-magna. |
| 12.03.04 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fl-4 ta’ Marzu 2020 saret press conference tal-*Mobile App Report It* fejn kien hemm presenti l-Ministru Jose Herrera. |

| | |
|---|---|
| 12.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt ħareġ bil-proposta biex il-kunsill lokali jagħmel kaxxa u jiġbor għal familja Pace wara l-aċċident li ġara fil-Hamrun. Is- Sindku qabel ma din id-deċiżjoni. |
| 12.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li saret laqgħa mal-Board ta' Ġieħ l-Isla fejn kienu preżenti s-sindku u l-kunsilliera Corinne Buhagiar. Dawn il-persuni huma fil-board ta' din is-sena : Gale Camilleri Scerri, bħala Chairperson, Gino Parnis, Frans Bugeja, Andrew Cutajar u Saviour Camilleri membri tal-bord. Is-Sindku informa lil kunsilliera li min għandu is-sehem tiegħu fil-kunsill ma jistax jinnomina lil xi ħadd u d-deċiżjoni finali hija dik tal-bord. |
| 12.03.07 | Is-Sindku ikomunika mal-kunsilliera fejn saret laqgħa mas-sindku tal-Isla s-Sur Clive Pulis u s-sindku tal-Kalkara s-Sur Waye Aquilina mal-Kumitat tal-Eko Skola. Il-kumitat tal-Ekoskola propona li jsir poster jew tpinġija ma' ħajt fil-bajja tar-Rinella biex ninkoraġġixxu lin-nies ma jarmux sigaretti fir-ramel minħabba l-ħsara kbira li jagħmlu kemm jekk jibqgħu fir-ramel kif ukoll meta jinġarru fil-baħar. Il-kumitat issuġġerixxa li fil-bajja għandhom jitpoġġew kontenituri reċiklabbli fejn jintremew is-sigaretti. Is-Sur Wayne Aquilina laqa' t-talba tal-kumitat u ser jibda dan il-proċess mill-aktar fis possibbli. Iżda għal issa waqaf kollox minħabba l-COVID 19. |
| 12.03.08 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti dwar il-laqgħat li kellu bħala sindku fejn kellu setdina għal-*press conference* mil-ministru Byron Camilleri li saret fil-parking tal-macina.<br><br>Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel kellhom laqgħa mas-Sinj. Rachel Pace minn aġenzija sapport fuq skema tal-persuni b'diżbalita' fejn bħala kunsill lokali naċċetaw persuni li jagħmlu xogħol ta' *filing* u *telephone operators* fejn issirilhom interview qabel. Dawn il-persuni jkunu mħallsa mill-Aġenzija mill-fondi tal-Ewropa.<br><br>Is-Sindku kellu laqgha ma Bernice Ciantar li ser tieħu sehem f' Mrs Malta 2020 f isem il-lokalita tal-Isla. Il-Kunsill xtara bukett fjuri bħala apprazzament għat-titlu ta' Mrs. Senglea.<br><br>Saret laqgħa ma Mark Costa mil-grupp setrjotipi minnħabba l-kunċert ta Jum l-Isla.<br>Is-Sindku baqa' mas-Sur Costa li ser jibqgħu jaġġornaw lil xulxin minn ġimgħa għall-oħra minnħabba dan nil-virus, sadanintant kellu telefonata minn għand l-MTA għaliex il-kunsill kien talab xi għajnuna għal dan il-kunċert f' Jum L-Isla iżda infurmawħ li l-attivitajiet sal-aħħar ta Mejju 2020 mhux ser jagħtu fondi. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li-Ġieħ l-Isla jingħata xorta din is-sena iżda ma ssir l-ebda attivita għalkemm il-proċess |

| | |
|---|---|
| | tal-ktieb dwar l-ismijiet tat-toroq tal-Isla għadu għaddej u dan issir għal-żmien il-festa jew issir attivita għalija fis-Sajf. |
| 12.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li il-waste serv bagħtet imejl dwar dati li l-kuntrattur ma daħalx kemm il-darba jarmi l-organiku dan ifisser li meta l-kuntrattur jiġbor borża s-sewda ma l-organiku l-waste serv ma jħallix ibattal għalhekk ta'dawk il-ġranet li l-kuntrattur ma bagħttalx fil-waste serv meta kien imissu jbattal l-organiku il-waste serv mhux ser tħallas lil kunsill ta' dawk il-ġranet li jammontaw għal €1365. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kemm il-darba ġibdet l-attenzjoni li ma jistax jiġbor il-boroż organiċi ma dawk il-boroż is-suwed. |
| 12.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sar rapport mas-surġent fuq dangerous structure report tan-niżla tal-ponta qabel bolier wharf fejn is-surġent irrid jgħaddi dan ir-rapport lil perit tar-restoration |
| 12.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġabret kwotazzjonijiet tal-cameras għall-pjazza li huma €993.29 li jinqraw number plates u anke jidhru fid-dlam iżda l-ispecs biex tinġareġ kwotazzjoni bl-EPPS kienet li l-PTZ trid tkun 40 MP u mhux 2 MP għalhekk hemm id-differenza fil-prezz. |
| 12.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li Malcolm Gatt ha hsieb xi affrijiet li kien hemm bzonn ghal letrina bhal sanitiser dispenser machine li ghada ser ikunu qedin jigu imwahhla. |
| 12.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera fejn kien kellem lil Kunsilliera is-Sinj.Joline Attard sabiex tiċċekja mad-dipartiment dwar ix-xelters li għandna fil-lokal jekk humiex mikkrija għand xi persuni. Il-Kunsilliera is-Sinj. Joline Attard iċċekjat iżda dawn m'humiex mikkrija u dawn jaqgħu taħt il-gvern. Il-Kunsill jista' japplika bl-Applikazzjoni bil GOV 1 u japplika l-perit tal-kunsill għal-devoluzzjoni għax-xelter. |
| 12.03.14 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera dwar il-bżonn li hemm li ssir perspex minn naħa għall-oħra bħala partition ta l-alluminium kulur l-injam u jkun hemm xaqq kemm jgħaddu id-dokumenti minn fuq l-imwejjed u nibdlu l-imwejjed tal-iskrivani. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha iġġib kwotazzjonijiet dwar din il-partition. |
| 12.03.15 | Fit-2 ta' Marzu 2020 , Is-snjorina Petia Zacheva talbet permess sabiex l-Artistic Director għall-applikazzjoni tal-festival ikun is-Sur Mark Gabourdain, is-Segretarju Eżekuttiv speċifikat li dan irrid jitħallas mill-fondi tal-Ewropa meta l-kunsill jirċivihom kif ukoll irrid jippreżenta l-irċevuta fiskali. L-Applikazzjoni talaq fl-20 t' April 2020. |
| 12.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil kunsilliera li fit- 2 ta' Marzu 2020, il-Perit Alfred Vella ikkomunika mas-segretarju eżekuttiv li dwar l-open gym irrid |

| | |
|---|---|
| | ikun hemm speċifikament ir-regolamenti tal-MCCAA għalhekk informa lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iġġib dawn ir-regolamenti minn għand is-Sur Robert Grima għall dan ir-rapport. Is-Sur Robert Grima bagħat dan ir-rapport u s-segretarju eżekuttiv għadditu lil Perit. Jekk il-Kunsill ser jieħu fondi mill-PA il-Kunsill għandu bżonn decleration letter għal dawn Standard Guidelines għall open gym equipment. Il-kunsill qabel li l-fondi għall-open gym ma joħodhomx mill-PA għaliex wer juża l-iskema tad-dlg. |
| 12.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li fit-3 ta' Marzu 2020, is-Sindku talab ir-rights għall-faċċata tal-ktieb tat-toroq tal-Isla lis-Sur Fritz u dan bagħat l-invoice għall €35. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 12.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv daħħlet l-ilment minn għand is-Sur Gouder fit-3 ta' Marzu 2020 fejn qed jilminta li qed jaqgħu xi ġebel minn mal-ħajt int u nieżel lejn Boiler Wharf fi Triq is-Sur, is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lil Heritage lis-sur Norbert Gatt u dan qal biex issir rapport lil puluzija u imbgħad imexxu minn hemm. |
| 12.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li fl-4 ta' Marzu 2020, saret il-konferenza Stampa mal-Ministru Jose Herrera dwar l-app Report It ! Saret il-laqgħa tan-Nanniet Malta u għamlu tombla bejniethom. |
| 12.03.20 | Fl-4 ta' Marzu 2020, is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv u il-Perit tal-Kunsill is-Sur Luigi Fenech iltaqgħu mal-kuntrattur fejn iddiskutew ix-xogħol li jrid issir fil-Pjazza 4 ta' Settembru, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit ġibdu l-attenzjoni li l-Pjazza ser issir bil-Madum Porfido Gres u mhux Porfido Spaccato, il-kuntrattur bagħat il-katalgu ta' dan il-madum sabiex il-perit jiċċertifka li dan il-madum huwa reżistenti. Il-Perit iċ-ċertifika li dan it-tip ta' madum huwa tajjeb,iżda riedna nagħmlu variation sabiex nerġgħu nibgħatu d-direct order lil ministru. |
| 12.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li fis-6 ta' Marzu 2020, inġiebet l-għamara tal-uffiċċju tas-segretarju eżekuttiv li din swiet €2880 |
| 12.03.22 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li fid-9 ta' Marzu 2020 ġabu l-kumplament tal-bankijiet mil-FTZ u jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-kunsill. |
| 12.03.23 | Is-segretarju spjegat lil kunsilliera li fid-09 ta' Marzu 2020, inħareġ l-AVVIŻ għall-Street Sweeping u Contracts Manager li ġie ippublikat il-ġimgha 13 ta' Marzu 2020. L-Applikazzjoni għal dawn it-tenders fuq l-EPPS ser jibqgħu miftuħin sal-Erbgħa 22 t' April 2020 fid-9:30am. L-Evalwazzjoni ta' dawn it-tenders ser issir fit 23 t' April 2020. Is-sinj. Elaine Caruana *chair person*, is-Sur Chris Falzon, Dr. Mark Muscat u l-Accountant Romina Perici Ferrante ser ikunu l-evalwaturi u s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun is-segretarju ta' dawn it-tenders. |

| | |
|---|---|
| 12.03.24 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li fid-9 ta' Marzu 2020, is-Sur Enzo Cachia bagħat imejl li l-Kunsill Lokali għandu fondi ta €37000 mill P.A. Funds. Is-Sindku is-Sur Clive Pulis għamel proposta li b'dawn il-fondi jiġi tranġat il-ground tal-futbol. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta. |
| 12.03.25 | Fid-9 ta' Marzu 2020, Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet kwotazzjoni minn għand David Agius għal railing fi Triq id-Duluri li jiswa €180 li dan il-kunsill kien żamm depożitu ta' kuntrattur u ser jiġi imħallas minn dan id-depożitu. David Agius bagħat kwotazzjoni tal-gate tal-football ground li din ser tiġi tiswa €130. |
| 12.03.26 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li irċiviet imejl minn għand is-Sinj. Claudette Gambin mid-dipartiment tal-Environment, Climate Change and Planning dwar fondi li ser jingħataw lil Kunsill lokali tal-Isla biex inżidu aktar siġar madwar il-lokal, sistemi ta' irrigazzjoni u pjanti. Dan id-dipartiment talab fejn il-Kunsill jixtiequ li jsiru. Il-Kunsilliera iddiskutew u raw li hemm bżonn ta' aktar pjanti ix-xatt, f' Pjazza Francesco Zahra u sistema ta' irrigazzjoni u mal-ħajt tal-iskola. |
| **12.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 11.4.1 | Is-Sindku / Segretarju Ezekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia ressaqt dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Hemm bżonn li l-bieb tal-kunsill jibqa' magħluq f'dawn iż-żminijet:<br><br>Is-Sindku u s-Segretarju Eżeuttiv kienu diġa ħad l-azzjoni li l-antriporta tibqa dejjem magħluqa u għal-mistoqsijiet, ilmenti u informazzjoni oħra in-nies jinqdew bit-telefon, imejl jew mit-tieqa sabiex inżommu id-distanza sakem issir il-partition quddiem l-iskrivani.<br><br>Hemm bżonn li l-uffiċċju jkollom il-maskri, ingwanti u sanitizers<br><br>L-Assoċċjazzjoni provdiet maskri u ingwanti għal-ħaddiema, kif ukoll is-sindku u s-segretarju eżekuttiv kienu diġa ħasbu għal sanitizers u ingwanti u diżiffentati, kif ukoll tissues flokk xugamani biex l-iskrivani u l-istaff jixxutaw idejhom wara li jużaw sapun li l-kunsill provda magna fejn jitqiegħed dan nis-sapun kemm fil-kmamar tal-banju kif ukoll fil-kċina. |

| | |
|---|---|
| | Tinalaq il-Gardjola minħabba li jkun hemm ħafna li joqgħodu fuq bankijiet u jitnaqass il-ħin tal-letrina.<br><br>Dawn ukoll is-sindku u s-segretarju ħadu ħsieb li jsiru. |
| **12.5** | **Rapporti** |
| 12.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv Is-Sinj. Graziella Gellel resqet ir-rapport tal-Audited Financial Statments fejn ġie approvat mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u issekondat mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. Is-Sindku Clive Pulis u s-Segretarju Ezekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel iffirmaw id-dokument li hu anness ma dawn il-minuti |
| 12.5.2 | I-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order* għax-xahar ta' Frar 2020 kif ukoll rapport tal-*Petty Cash* ta' Frar 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mis-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **12.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 12.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 3/2020 għall-approvazzjoni. |
| 12.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **12.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **12.07.1** | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis16 ta' April 2020 fil-1:00p.m. |

Konfermati, illum <u>21 t' April 2020</u>

IFFIRMATI_______ IFFIRMATI_______
Clive Pulis Graziella Gellel
Sindku Segretarju Eżekuttiv